

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Ottubru 2010 (Każ R 771/2010-1), dwar applikazzjoni għal regiżstrazzjoni tas-sinjal tridimensjonali li jirrappreżenta apparat għall-qtugħi manwali taċ-ċeramika bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Germans Boada, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 80, 12.03.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-24 ta' Jannar 2013 — Yordanov vs UASI — Distribuidora comercial del frío (DISCO DESIGNER)**

(Kawża T-189/11) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali DISCO DESIGNER — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti DISCO — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Idenċitā tal-prodotti — Xebħ tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 71/25)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrent: Peter Yordanov (Rousse, il-Bulgarija) (rappreżentant: T. Walter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: K. Klüpfel u A. Pohlmann, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Distribuidora comercial del frío, SA (Madrid, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-14 ta' Jannar 2011 (Każ R 803/2010-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Distribuidora comercial del frío, SA u Peter Yordanov.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Peter Yordanov huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 152, 21.05.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-29 ta' Jannar 2013 — Fon Wireless vs UASI — nfon (nfon)**

(Kawża T-283/11) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali nfon — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti fon u trade mark nazzjonali verbali preċedenti FON — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebħ tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Talba għal bidla”)

(2013/C 71/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Fon Wireless Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment F. Brandolini Kujman, sussegwentement L. Montoya Terán, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: nfon AG (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Schweyer, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-18 ta' Marzu 2011 (Każ R 1017/2009-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Fon Wireless Ltd u nfon AG.

### Dispożittiv

(1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-18 ta' Marzu 2011 (Każ R 1017/2009-4), hija mibdula fis-sens li l-appell ippreżentat minn nfon AG quddiem il-Bord tal-Appell huwa miċħud.

(2) L-UASI għandu jbatis l-ispejjeż tiegħi kif ukoll dawk sostnati minn Fon Wireless Ltd.

(3) nfon għandha tħati l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 32, 04.02.2012.